**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. RACHEL MONTEBELLO LL.D.**

**Illum, 27 ta' Gunju 2019**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Mark Anthony Mercieca)**

**(Spettur Justine Grech)**

**-Vs-**

**GLENN BUSUTTIL**

Il-Qorti;

Rat illi **Glenn Busuttil** detentur tal-karta ta' l-identita Maltija 139877M, tressaq quddiemha akkuzat talli nhar il-25 ta' Gunju 2019 u anka matul ix-xhur ta qabel, gewwa dawn il- gzejjer, b'diversi atti mghamulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, kienu jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u kienu gew mghamula b'rizoluzzjoni wahda;

1. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura id-droga **kokajina,** specifikata fl-ewwel skeda ta l-ordinanza dwar il-medicini perikoluzi, Kap 101

tal-ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall uzu ta persuna/i minghajr ma kellek licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kont awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta li tforni id-droga u minghajr ma kont fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima ta' l-ordinanza imsemmija u minghajr ma kellek licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanefattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellek licenzja li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regolamenti ta’ l-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta

2. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura id-droga **eroina,** specifikata fl-ewwel skeda ta l-ordinanza dwar il-medicini perikoluzi, Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall uzu ta persuna/i minghajr ma kellek licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kont awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta li tforni id-droga u minghajr ma kont fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima ta' l-ordinanza imsemmija u minghajr ma kellek licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanefattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellek licenzja li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regolamenti ta’ l-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta

3. Biegħ jew xort' oħra ttraffika il-pjanta **Cannabis** kollha jew biċċa minnha, u dan bi ksur ta’ l-Art 8 (e) ta’ l-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Liħġijiet ta' Malta.

4. Kellu fil-pussess tiegħu id-droga **kokaina** speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-mediċini perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-uzu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga instabet f’tali ċirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tiegħu.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta’ l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet ukoll mitluba li f'kaz ta’ htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal- esperti skond l-artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi fit-22 ta’ Gunju 2019, l-Ufficjal Prosekutur qara l-akkuzi u konfermahom bil-gurament u sar l-ezami tal-imputat li waqt l-istess ezami wiegeb huwa hati;

Rat illi l-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu 9, meta wissiet lil-imputat bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tieghu, u fattwalment issospendiet il-prezentata biex tat hin lill-imputat

jikkontempla sew id-dikjarazzjoni tieghu u ghal dan il-ghan huwa ttiehed barra l-awla taht kustodja biex ikun jista' jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu;

Semghet lill-imputat jikkonferma illi nghata zmien sufficjenti biex jikkontempla id-dikjarazzjoni tieghu kif ukoll semghetu jikkonferma d-dikjarazzjoni tal-htija tieghu u dan anke wara li l-Qorti fissritlu hija stess l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u l-piena ergoabbli ghal kull wahda minnhom.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena;

Ikkunsidrat;

Illi fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Ghall-finijiet tal-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-gravita` tal-akkuzi li taghhom l-imputat qed jinsab hati, cioe` l-bejgh u traffikar tad-droga eroina, id-droga kokaina u d-droga kannabis, kif ukoll pussess aggravat tad-droga kokaina. Qieset ukoll il-fedina penali refrattarja tal-imputat li minnu huwa evidenti, kif gie anke sottomess waqt it-trattazzjoni, illi l-imputat jinsab mahkum mill-vizzju tal-uzu tad-droga u evidentement inqabad fil-*vicious circle* klassiku ta' min issokkomba ghal dan il-vizzju, cioe` li jittraffika d-droga sabiex isostni l-vizzju u sahanistra biex jghajjex lilu nnifsu.

Il-Qorti hija tal-fehma illi r-reati li taghhom qed jinsab hati l-imputat, huma reati gravi li jimmeritaw piena ta' prigunerija. Ghalkemm huwa minnu li l-imputat ghandu bzonn ghajnuna, u jidher li jaghraf il-htiega li jinghata l-kura, l-azzjonijiet kriminali

tieghu jimmeritaw konsegwenzi serji kommensurati mal-gravita` tar-reati li taghhom qed jinsab hati fuq ammissjoni tieghu stess.

Ghall-fini tal-kalibrazzjoni tal-piena, il-Qorti qieset illi l-piena ghar-reati mertu tal-ewwel tliet imputazzjonijiet hija ta' prigunerija ghal terminu li ma jistax ikun inqas minn sitt xhur u mhux iktar minn ghaxar snin ghal kull imputazzjoni u dan skont id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, li jipprovdu wkoll ghal multa tassattiva. Minhabba u bl-applikazzjoni tal-principju ta' konkorrenza formali tar-reati, il-Qorti tqis illi r-reat kontemplat fir-raba' imputazzjoni cioe` tal-pussess aggravat huwa assorbit fir-reat mertu tal-ewwel imputazzjoni u ghaldaqstant mhux sejra tiehu konjizzjoni taghha.

Mehud qies tal-konsiderazzjonijiet kollha fuq maghmulin, u bil-piena kalibrata kif fuq premess, kif ukoll bl-applikazzjoni tal-principju tal-konkorrenza materjali tar-reati mertu tal-ewwel tliet imputazzjonijiet skont is-subinciz (b) tal-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9, il-Qorti tqis illi ghandha taghti piena ta' prigunerija ghal zmien tliet (3) snin pju` multa ta' elfejn u hames mitt Euro (€2,500). Maghdud dan, sabiex tista' tigi assigurata r-rijabilitazzjoni tal-imputat, il-Qorti tqis li ghandha tordna wkoll il-hrug ta' Ordni ta' Trattament kontestwalment ma' din is-sentenza.

<u>**Decide**</u>

**Ghal dawn il-motivi, wara li rat l-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta ir-regolament numru 4 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 (Regoli ghall-Kontroll Intern fuq Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), kif ukoll l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni l-Qorti qieghda ssib lil GLENN BUSUTTIL hati tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba fil-konfront tieghu, u tikkundannah prigunerija ghal zmien tliet (3) snin kif ukoll multa ta' elfejn u hames mitt Euro (€2,500).**

***Illum, 27 ta' Gunju 2019*** ***Magistrat Dr Rachel Montebello B.A. LL.D.***

**Għall-finijiet tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti tordna wkoll l-ħruġ ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-imputat bil-għan illi jinħeles mill-vizzju tad-droga.**

**Il-Qorti tordna illi l-Ordni ta' Trattament jiġi notifikat lid-Direttur tal-Ħabs biex jieħu konjizzjoni tiegħu għall-fini tal-implementazzjoni tal-istess Ordni.**

**Il-Qorti tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta kif ukoll id-distruzzjoni tal-oġġetti li dwarhom ikun sar ir-reat u dan a tenur tal-imsemmi Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Għall-finijiet tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna wkoll lill-ħati jħallas l-ispejjeż kollha li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti maħturin fil-proċess verbal tal-Inkjesta Maġisterjali relattiv, minnufih li dawn jiġu stabbiliti mir-Reġistratur tal-Qorti u notifikati lill-ħati.**

**Għall-finijiet tal-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qiegħda tordna li l-atti tal-proċeduri kif ukoll kopja ta' din is-sentenza, jiġu mibgħuta lill-Avukat Ġenerali fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol.**

**Dr. Rachel Montebello**
**Maġistrat**